# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum il-Hamis, 27ta' Jannar, 2022

**Kawża Nru. 15**

**Rik. Nru. 68/2021 ISB**

**Rikors ta' Michaela sive Michelle Bua (K.I. 275567M); Maria Aloysia sive Marisa Busuttil (K.I. Numru 383060M; Lawrence Caruana (K.I. Numru 358869M; Norma Caruana (K.I. Numru 782736M); Bernardette Grasso (K.I. 738758M)**

**vs**

**X**

**Il-Qorti,**

Rat **Rikors ta' Michaela sive Michelle Bua (K.I. 275567M); Maria Aloysia sive Marisa Busuttil (K.I. Numru 383060M; Lawrence Caruana (K.I. Numru 358869M; Norma Caruana (K.I. Numru**

**782736M); Bernardette Grasso (K.I. 738758M)** li permezz tieghu huma jsostnu:-

1. *Illi l-esponenti kienu lkoll socji tal-partnership en nom collectif bl-isem "Norma Caruana & Co" li kellha numru P1186 u kopji tal-minuti tar-riżoluzzjoni straordinarja u tal-att il-ġdid tal-partnership fejn jidhru l-ismijiet tal-esponenti qegħdin jiġu hawn annessi u mmarkat bħala Dokumenti A u B rispettivament;*

2. *Illi l-partnership originarjament kienet giet kostitwita bhal kumpannija ta' responsabbilta limitata bl-isem Norma Caruana Limited fit-13 ta' Settembru 2007 u nghatat in-numru ta' reġistrazzjoni C 42351;*

3. *Illi nhar l-24 ta' Jannar tas-sena 2009, il-kumpannija fuq indikata giet konvertita f'partnership en nom collectif kif hawn fuq spjegat u kopja tal-att tal-imsemmija soċjeta' f'isem kollettiv qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dokument C;*

4. *Illi fit-12 ta' Dicembru 2007 u cioe qabel ma giet ikkonvertita ghal partership en nom collectif, il-kumpanija ta' responsabbilita' limitata fuq indikata akkwistat garaxx/warehouse bin-numru uffiċjali tnax (12) u bl-isem ta' "Saint Mary" li jinsab fi Triq Gorg Caruana, Paola, drabi oħra indikata li tinsab fil-limiti ta' Ħal Tarxien u/jew Raħal Ġdid;*

5. *Illi nhar it-28 ta' Settembru tas-sena 2020, il-partnership en nom collectif Norma Caruana & Co (P 1186) biegħet il-fuq imsemmi garaxx/warehouse bin-numru uffiċjali tnax (12) u bl-isem ta' "Saint Mary" li jinsab fi Triq Gorg Caruana, Paola, drabi oħra indikata li tinsab fil-limiti ta' Ħal Tarxien u/jew Raħal Ġdid, versu l-prezz ta' ħames mitt elf Ewro (€500,000), u dan hekk kif jidher ċar mill-kuntratt ta' self u bejgħ fl-atti tan-Nutar Dottor Ritienne Bugeja Fenech, kopja ta' liema qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dokument D;*

6. *Illi nhar l-10 ta' Diċembru tas-sena 2020, il-partnership en nom collectif Norma Caruana & Co (P 1186) ġiet xolta u dan hekk kif jidher ċar mill-kopja tal-Avviż ta' Xoljiment mibgħut lir-Reġistratur tas-Soċjetajiet hawn anness u mmarkat bħala Dokument E u giet ikkancellata mir-Reġistru tas-Soċjetajiet fit-22 ta' Marzu tas-sena 2021, u kopja tal-Avviż li l-istralċ ġie finalizzat mibgħut lir-Reġistratur tas-Soċjetajiet qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dokument F;*

7. *Illi meta gie ppubblikat il-kuntratt relattiv ta' bejgh li permezz tieghu il-partnership bieghet il-propreta lil terzi, thallset il-prezz ta' erba mija u sebghin elf (€470,000) permezz ta' cekk bankarju mahrug minn Bank of Valletta plc u kopja tal-istess ċekk qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dokument G;*

8. *Illi bi zvista l-esponenti ma ddepozitawx jew sarrfu dan ic-cekk qabel l-istralc u lanqas ma fforma parti mid-devoluzzjoni tal-assi appartenenti lill-partnership en nom collectif bl-isem Norma Caruana & Co.*

9. *Illi sabiex isir il-ħlas, jeħtieġ illi Norma Caruana & Co (P 1186) jiġi restitwit sabiex tirċievi l-bilanċ tal-prezz ta' erba mija u sebgħin elf Ewro (€470,000) u sussegwentament, is-somma tiġi distribwita bejn l-esponenti soċji;*

10. *Illi din is-sitwazzjoni ma nħolqitx b'konsegwenza ta' xi nuqqas da parti tal-esponenti li għamlu dak kollu mistenni minnhom skont il-liġi;*

11. *Illi minkejja illi l-Att dwar il-Kumpaniji, l-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, jikkontempla biss restituzzjoni ta' isem ta' kumpannija fuq ir-Reġistru tas-Soċjetajiet u mhux ta' partnerships, din il-possibilita kienet tezisti anke fir-rigward tal-partnerships qabel ma gie fis-sehh l-Att dwar il-Kumpanniji, kif anke ikkonfermat skond gurisprudenza ricenti;*

12. *Illi ghalhekk huwa neċessarju, anzi kruċjali, illi l-isem tal-partnership en nom collectif Norma Caruana & Co (P 1186) jerġa' jiġi restitwit fuq ir-Reġistru tas-Soċjetajiet u l-istralċ jerġa' jinfetaħ sabiex jiġi rettifikat u formalizzat skont il-liġi.*

*Għaldaqstant, in vista tal-premess, l-esponenti umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna illi isem il-partnership en nom collectif Norma Caruana & Co u bin-numru tar-reġistrazzjoni P 1186 jerġa jiġi restitwit fuq ir-Reġistru tas-Soċjetajiet u l-istralċ tal-istess partnership en nom collectif Norma Caruana & Co jerġa jinfetaħ sabiex jiġi rettifikat u formalizzat skont il-liġi, u dan salv dawk il-provvedimenti kollha illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni li tagħti fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ.*

Rat **id-dokumenti** li kienu prezentati mar-rikors (fol 5 sa fol 26).

Rat **id-digriet** taghha tal-1 ta` Ottubru 2021 fejn ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghall-udjenza tal-25 ta' Ottubru 2021 fl-12:00pm, u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lir-Registratur tal-Kumpanniji b'ghoxrin jum zmien ghar-risposta.

Rat illi r-Registratur tal-Kumpanniji kien notifikat fis-7 ta' Ottubru 2021 (ara tergo ta` fol 28).

Rat illi fil-25 ta' Ottubru 2021, ir-Registratur tal-Kumpanniji intimat ppresenta **ir-risposta** tieghu (fol 32), li permezz taghha, huwa sostna:

*Illi in kwatu għall-meriti fattwali tal-kawża, peress illi l-esponent m'huwiex edott mill-fatti kollha kif dikjarati mir-rikkorenti, huwa jirrimetti ruħu għall-ġudizzju tal-Qorti.*

*Illi l-partnership Norma Caruana & Co, bin-numru ta' registrazzjoni P1186 ġiet stabbilita b'riżultat ta' konverżjoni ta' kumpanija u sussegwentement ġiet ikkanċellata mis-socjei taghha taghha stess taħt id-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Kumpaniji 1995 (anness bhala DOK A d-dokumenti relatati max-xoljiment u kancellament tal-partnership). Illi fl-istess Att m'hemm l-ebda provediment illi jipprovdi għall-ftuħ u għar-rattifika tal-proċess ta'stralċ wara illi l-isem ta' partnership ikun ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji.*

*Illi l-esponent ma tixtieqx illi jinħoloq preċedent abbużiv u perikoluż fejn is-soċji jibdew il-proċess ta' stralċ ta' partnership u jippreżentaw id-dokumentazzjoni finali għall-kanċellament tal-isem tal-partnership b'mod leġġer u qabel ma dawn ikunu aċċertaw ruħhom sew illi l-pendenzi u l - formalitajiet li titlob minnhom il-ligi ġew veramanet finalizzati. Dan għaliex ikunu taħt l-impressjoni komda, illi jekk wara tinqala il-ħtiega, jistgħu japplikaw il-Qorti sabiex jikkoreġu dak illi kien fid-dmir tagħhom illi jieħdu ħsieb qabel ma tintbagħat id-dokumentazzjoni għax-xoljiment u konsegwentament għat-tħassir tal-isem tas-soċjeta' minn fuq ir-Reġistru.*

*Dan premess jekk  dina l-Onorabbli Qorti tħoss illi f'dan il-każ partikolari għandha tagħti xi forma ta' rimedju, dan għandu jiġi akkordat biss għar-raġunijiet u esiġenzi ta' ġustizzja u prattiċita' u kemm il-darba ma' jistax jiġi provdut rimedju iehor. Tali rimedju għandu jitqies bħala wieħed eċċezjonali u straordinarju u mhux wieħed illi jiġi aċċettat u akkordat faċilment.*
*Illi dan ir-rimedju m'għandux jitqies bħala wieħed illi jfejjaq kwalunke manifestazzjoni ta' traskuraġni jew negliġenza kommessi matul il-proċess ta' stralċ.*

*Illi l-esponent jixtieq umilment jissolleva illi kwalunkwe ftuħ tal-proċess ta' stralċ għandu jsir biss sabiex isiru l-formalitajiet kollha illi baqgħu ma sarux mill-azzjonisti u għall ebda skop iehor.*

*Illi kemm il-darba dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħti dan ir-rimedju eċċezzjonali għandu jiġi akkordat bħala wieħed straordinarju u fuq parametri u termini ċari sabiex jiġi evitat kwalunkwe element ta' abbuż jew preġuddizju għal terzi persuni billi tiġi assikurata ċertezza dwar l-istatus tal-partnership. Għalhekk fis-sentenza għandhom jiġu stabbiliti proċeduri ad hoc u preċizi sabiex jiġu konklużi l-passi kollha meħtieġa sabiex ir-Reġistratur ikun jista' jipproċedi kemm jista' jkun malajr għat-tħassir definittiv tas-soċjeta' mir-Reġistru mingħajr ma l-affarijiet jittawlu mingħajr bżonn.*

*Bl-ispejjeż.*

Rat illi fl-udjenza tal-25 ta' Ottubru 2021, dehru r-rikorrenti assistiti mill-Avukat Darren Carabott u Rachel d'Souza u dehret l-Avukat Claudette

Fenech ghar-Registratur tal-Kumpanniji, u gie minnhom dikjarat illi r-rikors seta` jithalla ghad-decizjoni in difetto ostakolo.

Rat illi l-kawza thalliet ghall-llum ghall-provvediment.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirrizulta mill-atti illi r-rikorrenti kienu kollha socji tal-partnership en nom collectif bl-isem **Norma Caruana & Co** li kellha numru **P1186**. Jirrizulta illi l-partnership originarjament kienet giet kostitwita bhal kumpannija ta' responsabbilta limitata bl-isem Norma Caruana Limited fit-13 ta' Settembru 2007 u kienet nghatat in-numru ta' reġistrazzjoni C 42351.

Jirrizulta illi l-24 ta' Jannar tas-sena 2009, il-kumpannija fuq indikata kienet giet konvertita f'partnership en nom collectif, b'dan illi fit-12 ta' Dicembru 2007 u cioe` qabel ma giet ikkonvertita ghal partership en nom collectif, il-kumpanija ta' responsabbilita' limitata fuq indikata akkwistat garaxx/warehouse bin-numru uffiċjali tnax (12) u bl-isem ta' "Saint Mary" li jinsab fi Triq Gorg Caruana, Paola, drabi oħra indikata li tinsab fil-limiti ta' Ħal Tarxien u/jew Raħal Ġdid.

Jirrizulta ulterjorment illi it-28 ta' Settembru 2020, il-partnership en nom collectif Norma Caruana & Co (P 1186) biegħet il-fuq imsemmi garaxx/warehouse versu l-prezz ta' ħames mitt elf Ewro (€500,000), b'kuntratt ta' self u bejgħ fl-atti tan-Nutar Dottor Ritienne Bugeja Fenech. Illi fuq il-kuntratt thallsu erba' mija u sebghin elf (€470,000) permezz ta' cekk bankarju mahrug minn Bank of Valletta plc, b'dana kollu jirrizulta illi ic-cekk relattiv ma giex depozitat u lanqas ma ssarraf.

Illi tlett xhur wara, proprju fl-10 ta' Diċembru 2020, il-partnership en nom collectif Norma Caruana & Co (P 1186) ġiet xolta u konsegwentament ikkancellata mir-Reġistru tas-Soċjetajiet fit-22 ta' Marzu, 2021, u b'hekk, is-somma ta' erba' mija u sebghin elf (€470,000) ma kinitx tifforma parti mid-devoluzzjoni tal-assi appartenenti lill-partnership en nom collectif bl-isem Norma Caruana & Co meta din giet xjolta.

Ir-Rikorrenti jsostnu illi sabiex isir il-ħlas, jeħtieġ illi Norma Caruana & Co (P 1186) tigi restitwita sabiex tirċievi l-bilanċ tal-prezz ta' erba mija u sebgħin elf Ewro (€470,000) u sussegwentament, is-somma tiġi distribwita bejn l-esponenti soċji. Jghidu illi din is-sitwazzjoni ma nħolqitx b'konsegwenza ta' xi nuqqas da parti tal-esponenti li għamlu dak kollu mistenni minnhom skont il-liġi.

Illi l-posizzjoni li ha r-Registratur tal-Kumpanniji tista' titqies wahda pjuttost newtrali izda ferma. Huwa altru milli korrett ir-Registratur ighid u jsostni illi meta jkun hemm stralc, ghandu jithares u jigi assikurat minn min hu interessat, illi jkun accertat illi l-assi kollha jkunu inkluzi fil-process ta' stralc u li dan ghandu jsir qabel ma jigu pprezentati d-dokumentazzjoni finali ghal kancellament. Dan jevita certament lok ghal abbuz.

Dwar dak sottomess mir-Registratur intimat fis-sens illi fl-Att ma hemm ebda provvediment li jipprovdi ghal ftuh u rattifika tal-process ta' stral wara illi l-isem ta' partnership ikun gie mhassar minn fuq ir-Registru, il-Qorti gja esprimiet ruha dwar dan[1] u ghalhekk din is-sottomissjoni tar-Registratur qed tigi rigettata.

Huwa f'dan il-kuntest illi r-Registratur tal-Kumpanniji jinsisti illi jekk din il-Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, allura dan isir fuq parametri u termini cari sabiex jigi evitat kwalsiasi element ta' abbuz jew pregudizzju ghal terzi persuni, anke in vista tal-fatt illi dan huwa rimedju eccezzjonali.

## Art. 300B tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta

> *(1) Meta kumpanija tkun tħassret minn fuq ir-reġistru, kull persuna interessata tista' b'rikors, titlob lill-Qorti biex tordna hi li l-isem tal-kumpanija jkun restitwit fuq ir-reġistru u li l-istralċ jerġa' jinfetaħ.*
>
> *(2) Meta, fuq rikors magħmul taħt is-subartikolu (1), il-Qorti tkun sodisfatta li l-istralċ u t-tħassir tal-kumpanija jkun vizzjat bi frodi jew <u>b'illegalità ta' natura materjali</u>, il-Qorti tista' tordna li l-isem tal-kumpanija jkun restitwit fuq ir-reġistru u li l-istralċ jerġa' jinfetaħ <u>għal dawk ir-raġunijiet u għal dak iż-żmien li l-Qorti</u>*

[1] Rikors 17/2021 fl-ismijiet Victor Seguna et vs Registratur tal-Kumpanniji deciz 13.07.2021

> *tispeċifika fid-deċiżjoni tagħha, u l-Qorti għandha tagħti dawk id-direttivi u timponi dawk il-kondizzjonijiet li jidhrilha xieraq.*
>
> *(3) Il-Qorti għandha tilqa' t-talba biss jekk tkun sodisfatta li dak ikun l-uniku rimedju li jkun hemm.*

Il-Qorti tibda biex tghid illi ma hemm xejn fl-atti illi ghandu jew jista' jindika illi c-cekk tal-Bank of Valletta plc msemmi fir-rikors promotur baqa' ma ssarrafx qabel l-istralc tal-*partnership en nom collectiv* ***Norma Caruana & Co*** ghal ragunijiet ohra ghajr ghax bi zvista/zball. Di piu`, huwa bil-wisq car u evidenti illi dan in-nuqqas jikkostitwixxi illegalita' ta' natura materjali. Finalment, illi l-Qorti thoss illi l-uniku mod sabiex jinghata effett lill-hlas maghmul fuq il-kuntratt pubbliku fuq msemmi huwa billi jintlaqa' ir-rikors promotur odjern.

Il-**Professur Andrew Muscat** ighid:

> *A liquidator who, whether negligently or fraudulently, fails to take into account a pending claim* (hawnekk assi attivi)*, will, it is submitted, have acted unlawfully. After all, in terms of general principles of law, a person who does not use prudence, diligence and attention of a bonus parter familias and causes damage as a result is deemed to have acted unlawfully. Moreover a liquidator is clearly bound by law to take into account all pending claims against the company* (daqstant iehor kull ass attiv)*, and if he fails to do so through negligence, imprudence or want of attention he should also be deemed to have acted unlawfully.*[2]

**Ghaldaqstant**, il-Qorti, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ccitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, jidhrilha illi jkun giust u ekwu illi tqis illi n-nuqqas ta' tisrif tac-cekk msemmi fir-rikors promotur qabel l-procedura tal-istralc tal-*partnership en nom collectif* ***Norma Caruana & Co*** kienet illegali u tikkostitwixxi illegalita' ta' natura materjali u ghalhekk ser tghaddi biex takkolja it-talbiet tar-rikorrenti u tenut kont ta` l-assjem ta` fatti u cirkostanzi li l-Qorti giet mgharrfa bihom, din il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet dedotti fir-rikors promotur kif hawn taht spjegat:

---

[2] Principles of Maltese Company Law, Second Edition, Vol I, pg 46

1. **Fl-ewwel lok**, il-qorti trid taghmilha cara li bil-fatt illi sejra tordna li l-isem tal-*partnership en nom collectif* ***Norma Caruana & Co*** jerga` jidhol fir-Registru, dan bl-ebda mod ma ghandu jfisser li bhal donnu l-qorti tat jew qed taghti xi *carte blanche* lill-partnership de quo u/jew lill-ufficjali taghha sabiex dak li ma sarx tajjeb u skont il-ligi fil-passat qabel sar it-thassir tal-isem taghha, ghajr dak hawn deciz, jigi ratifikat.

2. **Fit-tieni lok** tordna li l-isem ***Norma Caruana & Co P1186*** jerga` jidhol fir-Registru tas-Socjetajiet kif mitlub u bil-kundizzjonijiet hawn maghmula.

3. **Fit-tielet lok**, tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex sa xahar mid-data tal-llum, l-isem ***Norma Caruana & Co P1186*** jerga` jidhol fir-Registru tas-Socjetajiet u jsiru dawk il-formalitajiet kollha necessarji u skond il-ligi.

4. **Fir-raba' lok**, tordna, illi l-isem ta' ***Norma Caruana & Co P1186*** jitpogga lura fuq tali Registru tas-Socjetajiet biss u ghal finijiet illi jigi konkluz l-istralc taghha fit-termini ta' dan il-provvediment.

5. **Fil-hames lok** tordna illi din ir-restituzzjoni isir ghall-perjodu massimu ta' tnax il-xahar, li l-Qorti tqis bizzejjed sabiex u sakemm is-socjeta` **Norma Caruana & Co P1186** , (a) aktarx tissosstitwixxi c-cekk tal-Bank of Valletta (DOK G mar-Rikors) b'iehor jekk dak huwa skadut u (b) konsegwentament issarrfu u (c) tiddistribwixxi l-istess flejjes msarrfa bejn ir-rikorrenti.

6. **Fis-sitt lok**, tordna illi l-ispejjes ta' din il-procedura u kif ukoll kwasliasi spejjes illi jista' jinkorri ir-Registratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-*partnership en nom collectif* ***Norma Caruana & Co P1186*** fuq ir-Registru tas-Socjetajiet ikunu a karigu tar-rikorrenti.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**